MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2011

Numru. 1528/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Kawza Nru; 1528/2007**

**Illum 1 ta’ Gunju 2011**

**Il-Pulizija**
**(SpetturAngelo Gafa)**

**vs**

**Lawrence Cilia ta’ 64 sena, bin Guzeppi u Maria Alessia nee’ Mifsud, imwieled Ghaxaq, fit-2 ta’ Ottubru 1946, residenti fi Flat 3, Block V, Triq il-Jum, Marsa, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 845746(M).**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Lawrence Cilia akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn is-16 ta' Gunju 2007 u il-15 ta' Dicembru 2007 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100) izda inqas minn elf lira maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' diversi persuni.

Kif ukoll talli fl-istess perijodu, lok, u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwru bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ha u zamm ghandu ammont ta' flus li jeccedi il-mitt lira maltin (Lm100) izda inqas minn elf lira maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' diversi persuni, liema flus gew fdati jew ikkunsinjati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju.

U aktar talli b'hekk sar recidiva ai termini ta'l-artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 30 ta' Ottubru 2003.

Kif ukoll talli b'hekk ikkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza taghha ta' nhar il-15 ta' Dicembru 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali tas-17 ta’ Dicembru 2007 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi;.

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

**IL-FATTI**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’zewg tipi ta’ reati li jaqghu taht l-istess sub-titolu li jitkellem dwar il-frodi. Huwa akkuzat li ghamel frodi b’eghmil qarrieqi ai termini ta’l-artikolu 308 kif ukoll illi ghamel approprjazzjoni bla jedd skond l-artikolu 293 u 294 ta’ l-istess kodici penali. Illi mill-fattispecje ta’ dana il-kaz johrog illi ghal habta tas-sena 2007, l-imputat beda jigbor il-flus minn ghand diversi negozji f’Malta ghal ghan filantropiku. Meta kien jitlob il-flus, l-imputat kien isostni mal-benefatturi tieghu illi huwa kien ser juza dawn il-flus ghal ghan specifiku u cioe’ sabiex tinbena jew tigi akkwistata dar gewwa Londra fl-Ingilterra li kienet ser tospita il-familjari ta’ dawk it-tfal li kien ikollhom bzonn jircievu kura medika gewwa xi sptar fl-Ingilterra. Huwa kien jallega illi dina d-dar kienet iggib l-isem ta’ “Cilia Home”. L-imputat kien ghalhekk idur f’diversi hwienet u negozji ohra f’Malta biex jigbor il-flus ghal karita’. Kien ukoll hareg bl-idea illi lil dawn in-negozji jghidilhom li kien ser jippubblika magazine li kien jitratta dwar dina d-dar u li kien qed jigbor il-flus minn ghandhom sabiex jaghmlilhom reklam f’dana l-magazine. Ir-rikavat minn dana il-magazine kellu jmur sabiex jiffinanzja dana il-progett. Jidher illi minn dana kollu xejn ma sehh. La inbniet jew inxtrat d-dar u wisq anqas gie ippubblikat dana il-magazine. Illi mill-provi akkwiziti inoltre jirrizulta illi l-imputat kien tressaq il-Qorti fuq akkuzi simili f’Gunju 2007, izda wara dana u cioe’ fil-perijodu ta’ bejn Gunju 2007 u Dicembru 2007, l-imputat xorta wahda baqa’ ghaddej jigbor il-flus bl-istess sistema.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza ingiebu bhala xhieda diversi negozjanti li kollha jikkonfermaw illi ghaddew il-flus lill-imputat. Huma kollha igharrfu lill-imputat bhala dik il-persuna li lilha ghaddewlu l-flus kollha ghall-istess ghan u cioe' sabiex tinxtara dar gewwa Londra ghal dawn il-familji ghaddejjin minn problemi ta' mard. Kollha jikkonfermaw illi l-magazine in kwistjoni qatt ma gie ippubblikat u l-imputat qatt ma tahom informazzjoni dwar x'kien ghamel bil-flus li gabar minn ghandhom.[1] Fil-fatt fl-atti processwali gew esebiti diversi cekkijet li gew mghoddija lill-imputat ghal dana il-ghan u anke ricevuti li l-imputat kien jghaddi lil uhud minn dawn in-nies ghal flus li kienu jghaddulu.[2]

Illi l-imputat jaghti zewg verzjonijiet l-ewwel wahda fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, u ohra fil-kors tax-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti. Fl-istqarrija tieghu[3], l-imputat jammetti illi kien qieghed jigbor il-flus minn ghand diversi negozji ghal dana l-ghan filantropiku u li baqa' jaghmel dana anke wara li kien gie interrogat mill-pulizija u li kienu anke inbdew proceduri kriminali fl-konfront tieghu. Meta mistoqsija x'kien jaghmel b'dawn il-flus huwa iwiegeb: "hallast lil haddiehor bihom … nghid li b'dawn il-flus jiena hallast nies li minn ghandhom isselift flus b'imghax gholi. Nghid li dawn il-flus jiena kont issellifthom sabiex nirranga d-dar li kellu missieri."[4] Jikkonferma illi mill-flus li gabar ma kien ghad fadallu xejn u li ic-Cilia Home baqghet qatt ma saret, kif qatt ma gie ippubblikat il-magazine li kien tkellem dwaru mall-benefatturi tieghu. Iktar 'il quddiem, meta mistoqsi 'il ghala huwa baqa' jigbor il-flus anke wara li kien gie imressaq il-Qorti, huwa ighid li baqa' jaghmel dana sabiex ihallas id-dejn. Fil-fatt huwa isostni illi kien vittma ta' l-uzura, izda qatt ma ghamel rapport lill-pulizija ghax bezgha u minflok ghazel li jibqa jiffroda n-nies sabiex ihallas dan id-dejn.

---

[1] Ara xhieda ta' Jack Vella (fol.53), Joseph Farrugia (fol.89), Catherine Catania (fol.93), Martin Farrugia (fol.97), Joseh Mamo (fol.100), Charles Scerri (fol.106), Joanne Camilleri (fol.114) u Joseph Schembri (a fol.130)

[2] Ara Dokumenti AG3, AG4, AG5, AG8, AG9, AG10 u AG11.

[3] Ara Dokument AG2 a fols. 28 et seq

[4] Ara fol.29

Meta imbaghad jixhed quddiem il-Qorti, l-imputat isemmi lil certu Emanuel Bartolo mir-Rabat li huwa isostni li ghandu diversi proprjetajiet gewwa Londra u li kien offrielu li ibieghlu dar b'prezz baxx. Ighid li dina id-dar tinsab gewwa Kilbourne. Isostni illi il-flus li gabar huwa ghaddiehom lil dan Bartolo u anke ighid illi kien ghamel xi ftehim bil-miktub ma' dana Bartolo. Fil-kors tax-xhieda tieghu, izda huwa imbaghad jikkonferma bil-gurament il-kontenut kollu ta'l-istqarrija li huwa irrilaxxja lill-pulizija. Illi ghalkemm l-imputat ipprova itella' lil dana Bartolo bhala xhud, irrizulta minn investigazzjoni li ghamlet il-pulizija, illi dana Bartolo kien miet fis-26 ta' Awwssu 2008.[5]

Illi meta wiehed ghalhekk jezamina x-xhieda kollha migbura, l-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi ma temminx dak kollu li ighid l-imputat fil-kors tax-xhieda tieghu. Illi ghalkemm l-imputat ipprova jidhak b'diversi nies, izda certament mhux ser jidhak bil-Qorti. Anzi il-Qorti thoss illi ghandha tistmerr l-azzjonijiet ta'l-imputat li inqeda bid-disgrazzji li ighaddu familji li ikollhom it-tfal taghhom morda serjament biex jigbor il-flus u idahhalhom f'butu minghajr ebda skruplu. Kif lanqas kellu skruplu l-imputat iressaq bhala xhud guvnott marid serjament sabiex jipprova b'xi mod jigbed is-simpatija ta' din il-Qorti u jipprova ipingi stampa sabiha tieghu innifsu bhala l-bniedem li ghadda hajjtu jaqdi lil proxxmu meta dana ma kienx assolutament minnu. Fil-fatt johrog car imbaghad mix-xhieda ta' omm dana it-tifel Mary Bonnici illi l-imputat kien is-sieheb ta' ohtha, li huwa kien ighix ma' ohtha fid-dar taghha gewwa l-Marsa u li ma kien ghaddielhom l-ebda ghajnuna hlief li tghid li kien hemm xi okkazzjoni meta tela maghhom Londra u okkazzjoni ohra meta madwar ghaxar snin ilu huwa ghaddielha xi flus, izda qatt ma issemmi kemm kien l-ammont.[6]

Il-Qorti ghalhekk temmen illi l-imputat kien jigbor il-flus billi jinganna lin-nies taht pretenzjonijiet foloz li dawn il-flus kienu ser jintuzaw ghal ghan filantropiku u cioe' sabiex isir reklamar f'magazine fittizju, li il-qliegh tieghu kien ser imur

[5] Ara certifikat tal-mewt ta' Emanuel Bartolo a fol.149
[6] Ara xhieda ta' Christian u Mary Bonnici a fol.171 u 175

sabiex tinxtara dar bl-isem ta’ Cilia Home gewwa Londra, liema dar kellha tospita familjari ta tfal morda li ikunu qeghdin jircievu l-kura gewwa xi sptar f’Londra.

Ikkunsidrat;

Illi kif diga inghad iktar ‘il fuq l-imputat jinsab akkuzat bir-reati tal-misapproprjazzjoni u tal-frodi.

**IL-LIGI**

Illi biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe’ bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta’ dana ir-reat u cioe’ l’uzu ta’ ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta’ Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta’l-elementi ta’ dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b’dan il-mod ghar-rigward ta’ dana ir-reat:

***“Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta’ serq improprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f’dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta’ truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta’l-artikolu 430 tal-Kodici delle***

***Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..”.*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta’l-element materjali ta’ dan id-delitt ta’ truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta’ dan id-delitt jista’ ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta’l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b’mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta’ kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b’qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz,
g. jew ta’ hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta’ krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta’ haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta’ truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta’ natura li jimpressjonaw bniedem ta’ prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta’ fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….”

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma***

***stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi mill-esposizzjoni legali ta' dana r-reat ma hemmx dubbju illi l-imputat holoq messa in xena mill-aqwa. Huwa sahansitra kien imur armat bil-kotba tar-ricevuti bit-timbru b'kollox, kien jipprovdi e-mail address u isem ta' dar fittizja. Ivvinta storja shiha dwar magazine fittizju li kien ser jigi ippubblikat u sistema ta' riklamar fejn kien jitlob prezzijiet differenti ghal kull daqs differenti ta' reklam. B'dawn l-artifizji jew mezzi ta' ingann adoperati minnu huwa kien jigbor il-flus minn ghand il-vittmi tieghu sabiex huma kienu isofru telf patrimonjali u dana peress illi ir-reklam qatt ma kien ser jigi eventualment ippubblikat. L-element tad-dolo huwa ukoll ippruvat ghaliex l-ghan ta'l-

imputat ma kienx sabiex jigbor dawn il-flus ghal-ghan imwieghed izda sabiex idawwar dawk il-flus bi profitt ghalih innifsu u cioe' sabiex ihallas id-djun kbar tieghu.

Illi dwar ir-reat ikkontemplat fit-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat, jidher illi dina inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Kwindi gialdarba ser tinstab htija taht l-ewwel akkuza, l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni. Illi fi kwlaunkwe kaz il-Qorti ma tqies illi l-fattispecje ta' dana il-kaz jistghu jinkwadraw ruhhom taht l-element legali rikjesti fir-reat tal-misappropprajazzjoni u dana peress illi ma jistax jinghad illi l-vittmi ta' dana ir-reat kienu qed ighaddu il-flus sabiex l-imputat jaghmel uzu minnu ghal ghan specifiku u hu ghamel uzu minnhom xort'ohra, izda huma kienu qed ighaddulu l-flus ghaliex kienu qed jigu ingannati mill-imputat fis-sens illi l-flus kienu qed jingabru ghal ghan filantropiku meta dana ma kienx minnu.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

"**La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (*uti dominus*). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"** (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[7]

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputat huwa recidiv u li ikkometta dana ir-reat matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu kif jirrizulta mid-dokumenti AG12 u AG13. Illi fil-fatt il-fedina penali ta'l-imputat hija prova tal-karattru refrattarju tieghu minn fejn jirrizulta illi l-imputat diga instab hati ta' reati simili bhal dawk li illum jinsab akkuzat dwarhom. Inoltre il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat ipprova jaghmel qliegh mid-disgrazzji ta' haddiehor specjalment ta' tfal morda li jiffaccjaw tant diffikultajiet fil-hajja minn eta' zghira. Il-Qorti ghalhekk

[7] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

mhijiex ser tkun klementi ma'l-imputat u ser tghaddi biex tinfliggi piena karcerarja effettiva oltre li ser tghaddi biex tikkonverti s-sentenza sospiza imposta fuqu fil-15 ta' Dicembru 2004 f'wahda effettiva.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 308, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza peress illi dina hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, issibu hati tal-kumplament ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija. Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tordna illi s-sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza moghtija fil-15 ta' Dicembru 2004 ghandha tigi fis-sehh sabiex b'hekk b'kollox l-imputat ghandu jiskonta il-perijodu ta' tlett snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------